# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

27 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawża C-504/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Ottubru 2010, fil-proċedura

**Tanoarch s. r. o.**

vs

**Daňové riaditeľstvo Slovenskej republiky,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), li qed taġixxi bħala President tas-Seba' Awla, M. E. Juhász, u D. Švaby Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Settembru 2011,

wara li rat id-deċiżjoni li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Tanoarch s. r. o. (iktar 'il quddiem "Tanoarch") u d-Daňové riaditel'stvo Slovenskej republiky dwar id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") għat-trasferiment ta' parti minn koproprjetà ta' invenzjoni li għadha ma tatx lok għal reġistrazzjoni ta' privattiva.

**Id-dritt tal-Unjoni**

3 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva jipprovdi, fost oħrajn, li huma suġġetti għat-taxxa fuq il-VAT il-provvisti ta' merkanzija u l-provvisti ta' servizzi, magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali.

4 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

5 Skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva, kull tranżazzjoni li ma tikkostitwixxix provvista ta' merkanzija titqies li hija provvista ta' servizz.

6 L-Artikolu 25 tad-Direttiva jipprovdi:

"Provvista ta' servizzi tista' tikkonsisti, inter alia, f'waħda mit-Transazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-assenjazzjoni ta' proprjetà intanġibbli kemm jekk hija u kemm jekk mhix soġġetta għal att li jistabbilixxi titolu;

(b) l-obbligazzjoni biex ma jsirx att, jew biex ikun tollerat att jew sitwazzjoni;

(c) it-twettiq ta' servizzi skond ordni magħmula minn jew f'isem awtorità pubblika jew skond il-liġi."

7 L-Artikolu 62 tad-Direttiva jipprovdi li, għall-finijiet tagħha, il-fatt li permezz tiegħu jitwettqu l-kundizzjonijiet legali neċessarji għall-impożizzjoni tat-taxxa jitqies li huwa "[a]vveniment li jagħti lok għal ħlas".

8 Skont l-Artikolu 63 tal-imsemmija direttiva, l-avveniment li jagħti lok għat-taxxa jseħħ u t-taxxa ssir dovuta meta titwettaq il-provvista tal-merkanzija u l-provvista tas-servizzi.

9 Skont l-Artikolu 167 tad-Direttiva, id-dritt għal tnaqqis jitnissel meta t-taxxa mnaqqsa ssir dovuta.

10 Skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mll-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

(a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;

[...]"

**Id-dritt nazzjonali**

11 Skont l-Artikolu 49(1) tal-Liġi Nru 222/2004 dwar il-VAT, fil-verżjoni applikabbli fil-kawża inkwistjoni (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT"), id-dritt tal-persuna taxxabbli li tnaqqas it-taxxa fuq il-merkanzija jew is-servizz jitnissel meta t-taxxa ssir dovuta għal din il-merkanzija jew għal dan is-servizz.

12 Skont l-Artikolu 49(2) tal-imsemmija liġi, il-persuna taxxabbli tista' tnaqqas mit-taxxa li hija responsabbli għall-ħlas tagħha t-taxxa imposta fuq il-merkanzija u s-servizzi li hija tuża għall-bżonnijiet tal-attività ekonomika tagħha bħala persuna taxxabbli, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 7 tal-imsemmi artikolu. Il-persuna taxxabbli tista' tnaqqas it-taxxa jekk din tal-aħħar tapplika għaliha permezz ta' persuna taxxabbli oħra fis-Slovakkja għall-merkanzija u s-servizzi li huma jew għandhom jiġu pprovduti għall-persuna taxxabbli.

13 Skont l-Artikolu 51(1)(a) tal-Liġi dwar il-VAT, il-persuna taxxabbli tista' tinvoka d-dritt għal tnaqqis tagħha skont l-Artikolu 49 ta' din il-liġi jekk hija jkollha l-fattura tal-persuna taxxabbli waqt it-tnaqqis tat-taxxa skont l-Artikolu 49(2) tal-imsemmija liġi.

14 L-Artikolu 10 tal-Liġi Nru 435/2001 dwar il-privattivi, fil-verżjoni tagħha li tapplika għal kawża preżenti (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-privattivi"), jipprovdi:

"1. Id-dritt fuq l-invenzjoni, inkluż id-dritt li tiġi ppreżentata talba, tapplika għall-inventur.

2. L-inventur huwa l-persuna li ħolqot l-invenzjoni permezz tal-attività kreattiva tagħha.

3. Il-koinventuri għandhom dritt fuq l-invenzjoni sa fejn ikunu kkontribwixxew għall-ħolqien tal-invenzjoni. Sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor jew sakemm il-qorti tiddeċiedi mod ieħor, is-sehem tal-koinventuri fil-ħolqien tal-invenzjoni jitqies li huwa ekwiparabbli."

15 L-Artikolu 12 ta' din il-liġi jipprovdi:

"1. L-eredi għandhom ikollhom dritt fuq l-invenzjoni [...]

2. Id-dritt fuq l-invenzjoni jiġi trażmess lil persuna oħra fil-każijiet iddefiniti mil-leġiżlazzjoni partikolari.

3. Sabiex ikun validu, kuntratt ta' trasferiment tad-dritt fuq l-invenzjoni għandu jiġi stabbilit bil-miktub.

4. It-trasferiment jew it-trażmissjoni tad-dritt fuq l-invenzjoni li jseħħu wara l-preżentazzjoni ta' talba jinkludu t-trasferiment jew it-trażmissjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mit-talba. Madankollu, it-trasferiment jew it-trażmissjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mit-talba jkollhom effett fir-rigward ta' terzi b'effett mid-data tar-reġistrazzjoni tat-talbiet tal-privattivi, ħlief fil-każijiet fejn it-terzi jkollhom għarfien tat-trasferiment jew tat-trażmissjoni, jew kellhom, fil-kuntest, ikollhom tali għarfien."

16 Ir-relazzjonijiet bejn il-koproprjetarji ta' privattivi huma ddefiniti fl-Artikolu 20(1) sa (3) tal-imsemmija liġi kif ġej:

"1. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji tal-liġi preżenti, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni partikolari japplikaw għar-relazzjonijiet bejn il-koproprjetarji ta' privattiva.

2. Il-parti tal-koproprjetà ta' privattiva għandha titnaqqas mill-portata tad-dritt fuq l-invenzjoni li għandu kull koinventur bħala proprjetarju tal-privattiva, jew bħala aventi kawża tal-proprjetarju ta' privattiva.

3. Kull koproprjetarju għandu d-dritt li juża l-invenzjoni li hija s-suġġett tal-privattiva, iżda ma jistax jagħti lil terz id-dritt li juża l-invenzjoni, ħlief fil-każ ta' ftehim kuntrarju bejn il-koproprjetarji."

17 Skont l-Artikolu 37(1) u (5) tal-Liġi dwar il-privattivi, it-talba tista' tiġi ppreżentata mill-persuna jew il-persuni li għandhom dritt fuq l-invenzjoni. It-talba għandha tinkludi informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-inventur jew tal-koinventuri kif ukoll id-dokument dwar id-drittijiet fuq l-invenzjoni, jekk l-applikant ma jkunx l-inventur.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Fis-26 ta' Frar 2007, numru determinat ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, fosthom Tanoarch u VARS Slovakia s. r. o. (iktar 'il quddiem "VARS"), żewġ kumpanniji li s-sede kummerċjali tagħhom jinsab f'Banská Bystrica (is-Slovakkja), ippreżentaw quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali tar-Repubblika Slovakka talba għal privattiva intitolata "Metodu ta' preparazzjoni ta' prodott ta' terra li għandu grad għoli ta' purità".

19 Fil-5 ta' Lulju 2007, Tanoarch u VARS ikkonkludew kuntratt ta' trasferiment ta' koproprjetà industrijali. Skont dan il-kuntratt, li għalih iż-żewġ partijiet kienu rrappreżentati mill-istess persuna fiżika, J. Kovanda, VARS ittrasferixxiet lil Tanoarch 50 % tal-parti tal-koproprjetà tagħha fuq il-privattiva li kienet għadha ma ġietx irreġistrata.

20 Il-kuntratt kien jipprovdi li l-prezz tat-trasferiment tal-parti tal-koproprjetà tad-drittijiet fuq l-invenzjoni kien stabbilit, fuq il-bażi ta' perizja, għal SKK 258 miljun u, fuq il-bażi ta' determinazzjoni addizzjonali ta' valur, għal ammont totali ta' SKK 774 miljun. Konsegwentement, il-prezz għat-trasferiment ta' nofs id-drittiijiet ta' koproprjetà skont l-imsemmi kuntratt, kien stabbilit għal SKK 387 miljun minbarra VAT. Skont il-kuntratt, it-trasferiment tad-drittijiet fuq l-invenzjoni kien previst għal prezz li kellu jitħallas fi flus jew in natura jekk il-partijiet kontraenti ma jipprovdux mod ieħor.

21 Fis-27 ta' Awwissu 2007, abbażi ta' fattura tal-5 ta' Lulju 2007, Tanoarch ippreżentat dikjarazzjoni tal-VAT għall-perijodu taxxabbli mix-xahar ta' Lulju tas-sena 2007. F'din id-dikjarazzjoni fiskali, ġie indikat ammont ta' madwar SKK 73 530 000 bħala VAT li għandu jitnaqqas mill-fattura stabbilita minn VARS għat-trasferiment tal-parti tal-koproprjetà. L-imsemmija kumpannija ma kinitx ħallset it-taxxa tal-input dovuta għal dan l-ammont. Din il-kumpannija ġiet xolta mingħajr stralċ matul is-sena 2008.

22 Barra minn hekk, Tanoarch wettqet tnaqqis tal-VAT għal fatturi oħra marbuta mat-trasferiment tad-drittijiet fuq l-invenzjoni maħruġa minn VARS għall-perijodi fiskali mix-xahar ta' Awwissu sax-xahar ta' Settembru 2007.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-Daňový úrad (uffiċċju fiskali) ta' Banská Bystrica, bħala amministrazzjoni fiskali kompetenti, wettqet kontroll għand Tanoarch sabiex tistabbilixxi l-fondatezza tat-talba għat-tnaqqis tal-VAT. Konsegwentement, b'deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2008, l-imsemmi uffiċċju fiskali naqas milli jwettaq it-tnaqqis indikat fid-dikjarazzjoni fiskali ta' Tanoarch.

24 L-imsemmija kumpannija ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni. B'deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2008, id-Daňové riaditeľstvo Slovenskej republiky (direzzjoni ġenerali tat-taxxa tar-Repubblika Slovakka), bħala korp amministrattiv kompetenti sabiex jiddeċiedi fuq dan ir-rikors, ċaħdet it-talba ta' Tanoarch u kkonfermat id-deċiżjoni tal-uffiċċju fiskali.

25 Fil-kuntest tal-kontroll fiskali mwettaq, ġie kkonstatat li ħames kumpanniji minn fost dawk li ppreżentaw it-talba għal privattiva, fosthom Tanoarch u VARS, kienu stabbiliti fl-istess post f'Banská Bystrica. Barra minn hekk, l-istess persuna, jiġifieri J. Kovanda, intgħażel bħala amministratur ta' dawn il-kumpanniji.

26 Għalhekk, fit-13 ta' Jannar 2009, Tanoarch ippreżentat rikors quddiem il-Krajský súd (qorti reġjonali) ta' Banská Bystrica sabiex tikseb l-annullament ta' din id-deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2008. Permezz tas-sentenza tal-1 ta' April 2009, l-imsemmija qorti ċaħdet ir-rikors.

27 Għaldaqstant, Tanoarch ippreżentat appell quddiem in-Najvyšší súd Slovenskej republiky (Qorti suprema tar-Repubblika Slovakka).

28 In-Najvyšší súd Slovenskej republiky tesprimi dubji dwar il-punt ta' jekk id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-VAT fuq il-privattivi, li jipprovdu li d-dħul fuq l-invenzjoni huma limitati għad-dħul tal-ġestjoni tagħha, humiex konformi mas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"). Għalhekk, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjoni li tippermetti lill-persuna taxxabbli li tnaqqas, mit-taxxa dovuta, it-taxxa fuq l-oġġetti u s-servizzi li hija tuża għall-ħtiġijiet tal-impriża tagħha bħala persuna taxxabbli hija konformi mal-Artikolu 2(1) tas-[Sitt Direttiva] jekk it-taxxa hija imposta fuqha minn persuna taxxabbli oħra, għal oġġetti u għal servizzi li huma, jew għandhom jiġu, ipprovduti lill-persuna taxxabbli, u jekk ir-rikorrenti, bħala koapplikant fir-rigward tal-invenzjoni li għadha ma ngħatatx privattiva, għandha diġà d-dritt *ex lege* li tuża b'mod indipendenti l-invenzjoni li hija s-suġġett tal-privattiva fil-globalità tagħha?

2) Is-Sitt Direttiva tista' tiġi interpretata fis-sens li d-dritt diġà eżistenti tal-persuna taxxabbli, stabbilit bil-liġi, għal użu awtonomu tal-privattiva jirriżulta f'impossibbiltà legali li jintuża s-servizz għall-provvista ta' oġġetti u ta' servizzi bħala persuna taxxabbli u li, b'dan il-mod, is-servizz akkwistat ġie legalment eżawrit?

3) Il-fatt li, f'din il-kawża, l-invenzjoni għadha ma ġietx irreġistrata bħala privattiva u li partijiet minnha biss huma ttrasferiti għandu wkoll effett fuq l-abbuż tad-dritt tal-persuna taxxabli li tnaqqas il-VAT tal-input imħallsa skont tas-sentenza tal-21 ta' Frar 2006 [Halifax *et*. (C- 255/02, Ġabra p. I-1609])?"

**Fuq it-talba għal deċiżjoni preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà*

29 Il-konvenuta fil-kawża prinċipali u l-Gvern Slovakk jinvokaw l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, fid-dawl tal-fatt li la tindika b'mod ċar biżżejjed is-suġġett tat-talba għal interpretazzjoni u l-motivi li għalihom tressqu d-domandi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas tinkludi l-fatti kollha rilevanti.

30 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax kif seta' kien possibbli jintuża s-servizz ipprovdut fil-kawża prinċipali għall-finijiet tal-provvisti taxxabbli. Hija la tippreċiża l-attività ta' Tanoarch, u lanqas jekk din il-kumpannija teżerċitax verament attività ekonomika.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-qrati nazzjonali li jkollhom quddiemhom il-kawża u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandhom jintervjenu sabiex jevalwaw, fid-dawl tal-partikolaritajiet ta' kull kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali huma dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħala prinċipju l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-obbligu tiddeċiedi (ara s-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; tat-22 ta' Jannar 2002, Canal Satélite Digital, C-390/99, Ġabra p. I-607, punt 18, u tas-27 ta' Frar 2003, Adolf Truley, C-373/00, Ġabra p. I-1931, punt 21).

32 Minn din l-istess ġurisprudenza jirriżulta wkoll li r-rifjut li tingħata deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew anki meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha punti ta' fatt u punti ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li huma mqiegħda lilha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq PreussenElektra, punt 39, Canal Satélite Digital, punt 19, u Adolf Truley, punt 22).

33 Fil-każ inkwistjoni, ma jidhirx b'mod manifest li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jaqgħu taħt wieħed minn dawn il-każijiet.

34 Fil-fatt, id-deċiżjoni tar-rinviju tippreżenta fid-dettall il-kuntest fattwali tal-kawża u r-regoli tad-dritt nazzjonali li jistgħu japplikaw kif ukoll l-interrogazzjonijiet imqajma fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tad-Direttiva dwar id-dritt għal tnaqqis, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

35 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet magħmula rigward in-natura tal-attività tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, huwa biżżejjed li jingħad li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda l-qorti tar-rinviju, li għandha tagħti deċiżjoni f'dan ir-rigward, fir-rigward tad-determinazzjoni ta' natura fattwali.

36 Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Fuq l-ewwel u t-tieni domandi

37 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-persuna taxxabbli tistax tinvoka dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa jew dovuta għal provvista ta' servizz, li saret bi ħlas, u li tikkonsisti fit-trasferiment ta' parti minn koproprjetà li tagħti dritt fuq invenzjoni fiċ-ċirkustanzi karatterizzati b'mod partikolari bil-fatt li l-imsemmi dritt jinżamm minn diversi persuni, fosthom il-persuna li tittrasferixxi u l-akkwirenti.

38 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm il-qorti tar-rinviju tevoka, f'dawn id-domandi, is-Sitt Direttiva, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħew wara l-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2006/112 li tħassar u tissostitwixxi s-Sitt Direttiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jsir riferiment għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112.

39 L-interrogazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirrigwardaw il-portata tad-drittijiet ta' koinventur u, għalhekk, dwar jekk dawn id-drittijiet jistgħux ikunu suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali suġġetta għall-VAT. Tqum ukoll il-kwistjoni dwar ir-rilevanza tal-fatt li l-invenzjoni fil-kawża prinċipali ma tatx lok għar-reġistrazzjoni tal-privattiva.

40 Sabiex tingħata risposta għall-imsemmija domandi, għandu jitfakkar li s-sistema ta' tnaqqis stabbilita mid-Direttiva huma intiżi li jeħilsu kompletament lin-negozjant mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kollha. Konsegwentement, is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi n-newtralità perfetta fir-rigward tat-tassazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, ikunu liema jkunu l-għanijiet jew ir-riżultati tagħhom, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet ikunu huma stess, fil-prinċipju, suġġetti għall-VAT (ara s-sentenzi tat-22 ta' Frar 2001, Abbey National, C-408/98, Ġabra p. I-1361, punt 24; tat-8 ta' Frar 2007, Investrand, C-435/05, Ġabra p. I-1315, punt 22, u tad-29 ta' Ottubru 2009, NCC Construction Danmark, C-174/08, Ġabra p. I-10567, punt 27).

41 Għaldaqstant, id-dritt għal tnaqqis jikkostitwixxi, bħala parti integrali tal-mekkaniżmu tal-VAT, prinċpju fundamentali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT u, bħala prinċipju, ma jistax jiġi limitat (ara s-sentenzi tat-8 ta' Jannar 2002, Metropol u Stadler, C-409/99, Ġabra p. I81, punt 42; tas-26 ta' Mejju 2005, Kretztechnik, C-465/03, Ġabra p. I-4357, punt 33, kif ukoll tal-15 ta' April 2010, X Holding u Oracle Nederland, C-538/08 u C-33/09, Ġabra p. I-3129, punt 37).

42 Konsegwentement, il-persuna taxxabbli tista' tinvoka t-tnaqqis tal-VAT kollu impost fuq il-merkanzija u s-servizzi akkwistati għall-eżerċizzju tal-attivitajiet taxxabbli tagħha (ara s-sentenza NCC Construction Danmark, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

43 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, mill-fajl jirriżulta li Tanoarch akkwistat parti mill-koproprjetà ta' invenzjoni. Fir-rigward tal-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw minn dan l-akkwist, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-funzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u dawk tal-qorti tar-rinviju huma kjarament separati u hija esklużivament din tal-aħħar li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Corporación Dermoestética, C-500/06, Ġabra p. I-5785, punt 21). Konsegwentement, fl-imsemmija kawża, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi fuq il-punt dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tippermettix lil koinventur jittrasferixxi l-parti tal-koproprjetà tiegħu tal-invenzjoni.

44 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi indikazzjonijiet lill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-konsegwenzi tal-imsemmi akkwist fil-qasam tal-VAT, fis-sitwazzjoni fejn it-trasferiment ta' parti tal-koproprjetà għandha titqies li hija konformi mad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern.

45 Fir-rigward tar-realtà ekonomika ta' dan l-istess akkwist, għandu jitfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, il-kunċett ta' attività ekonomika jinkludi, fost l-oħrajn, kull attività ta' produttur, kummerċjant jew fornitur ta' servizzi. Il-kunċetti ta' provvista ta' oġġetti u ta' provvista ta' servizzi għandhom natura tabilħaqq oġġettiva u japplikaw indipendentement mill-għanijiet u mir-riżultati tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati (ara s-sentenza tat-12 ta' Frar 2006, University of Huddersfield, C-223/03, Ġabra p. I-1751, punt 48).

46 Għaldaqstant, it-trasferiment ta' parti ta' koproprjetà ta' invenzjoni, minkejja l-fatt li din tal-aħħar ma tatx lok għar-reġistrazzjoni ta' privattiva, jista', bħala prinċipju, jikkostitwixxi attività ekonomika suġġetta għall-VAT. Minn dan isegwi li tali tranżazzjoni tista' tagħti lok għat-tnissil ta' dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa jew dovuta.

47 Fir-rigward tal-intenzjonijiet li għandhom l-operaturi involuti, għandu jingħad ukoll li l-kwistjoni dwar jekk it-trasferiment inkwistjoni jsirx bil-għan biss li jinkiseb vantaġġ fiskali ma hijiex rilevanti għad-determinazzjoni ta' jekk din tikkostitwixxix provvista ta' oġġetti jew servizzi u attività ekonomika fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (ara s-sentenza University of Huddersfield, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

48 Konsegwentement, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u t-tieni domandi magħmula għandha tkun li persuna taxxabbli tista', fil-prinċipju, tinvoka d-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa jew dovuta għal provvista ta' servizz, imwettqa bi ħlas, meta d-dritt nazzjonali applikabbli jippermetti t-trasferiment ta' parti millkoproprjetà ta' invenzjoni li jikkonferixxi dritt fuqha.

Fuq it-tielet domanda

49 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, minħabba ċertu numru ta' ċirkustanzi partikolari, tistax tiġi stabbilita l-eżistenza ta' abbuż fir-rigward tad-dritt għal tnaqqis għall-VAT tal-input imħallsa.

50 Sabiex tingħata risposta għall-imsemmija domanda, għandu jitfakkar li l-ġlieda kontra l-evażjoni, l-evitar tat-taxxa u l-abbużi eventwali hija għan irrikonoxxut u mħeġġeġ mid-Direttiva (ara s-sentenzi Halifax *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 71, kif ukoll tad-29 ta' April 2004, Gemeente Leusden u Holin Groep, C-487/01 u C-7/02, Ġabra p. I-5337, punt 76).

51 Għalhekk, il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-abbuż tad-dritt iwassal sabiex jiġu preklużi skemi purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, li jitwettqu bil-għan biss li jinkiseb vantaġġ fiskali (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, Ampliscientifica u Amplifin, C-162/07, Ġabra p. I-4019, punt 28).

52 F'dan ir-rigward, fil-punti 74 u 75 tas-sentenza Halifax *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konstatazzjoni ta' prattika abbużiva fil-qasam tal-VAT teħtieġ, minn naħa, li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni, minkejja l-applikazzjoni formali tal-kundizzjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponiha, ikollhom bħala riżultat li jiksbu vantaġġ fiskali li l-għoti tiegħu jkun kuntrarju għall-għan imfittex minn dawn id-dispożizzjonijiet u, min-naħa l-oħra, li minn numru ta' elementi oġġettivi jirriżulta li l-iskop essenzjali tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni jkun li jinkiseb dan il-vantaġġ fiskali.

53 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tagħha sabiex tiddetermina jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra iktar 'il fuq, għall-finijiet tal-VAT, tranżazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali tistax titqies li hija prattika abbużiva. L-imsemmija ċirkustanzi huma b'mod partikolari kkaratterizzati bil-fatt li l-invenzjoni inkwistjoni ma tkunx għadha tat lok għar-reġistrazzjoni tal-privattiva, li d-dritt marbut mal-imsemmija invenzjoni huwa miżmum minn diversi persuni li l-biċċa l-kbira minnhom huma stabbiliti fl-istess post u huma rrappreżentati mill-istess persuna fiżika, li l-VAT tal-input ma tħallsitx u li l-kumpannija li ttrasferixxiet il-parti tal-koproprjetà ġiet xolta mingħajr stralċ.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda għandha tkun li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jikkaratterizzaw il-provvista tas-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-eżistenza jew l-assenza ta' abbuż ta' dritt fir-rigward tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa.

**Fuq l-ispejjeż**

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

**1) Persuna taxxabbli tista’, fil-prinċipju, tinvoka d-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa jew dovuta għal provvista ta’ servizz, imwettqa bi ħlas, meta d-dritt nazzjonali applikabbli jippermetti t-trasferiment ta’ parti mill-koproprjetà ta’ invenzjoni li jikkonferixxi dritt fuqha.**

**2) Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jikkaratterizzaw il-provvista tas-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-eżistenza jew l-assenza ta’ abbuż ta’ dritt fir-rigward tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa.**

Firem